Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

Minuti tat-397 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar
il-Erbgħa, 4 ta' April, 2012

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joe Buttigieg, s-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sinjura Calleja.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Robert Buhagiar daħal għal-laqgħa.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa.

Is-Sur Keith Pisani kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tat-396 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Calleja tkellmet dwar il-marki tat-traffiku fi Triq ix-Xgħajra u talbet li dawn isiru fi żmien qasir biex jitnaqqas is-sewqan eċċessiv. Hija semmiet ukoll il-ħtieġa li jiġi rranġat Sqaq Fwieni u li jsiru linji sofor faċċata tal-garaxx numru 85 fi Triq Santa Tereza.

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar il-proposta li ssir sleeping policeman fi Triq Santa Duminka bejn Triq Qalb Imqaddsa u Triq Felice u talab li tintbgħat ittra lir-residenti biex il-Kunsill ikun jaf jekk il-maġġoranza tar-residenti iridux jew le din l-sleeping policeman.

Is-Sur Grech semma wkoll il-ħtieġa li jsiru slow signs f'din it-triq u nfurzar għax qed isir sewqan eċċessiv minn xi sewwieqa.

Is-Sur Grech tkellem dwar il-ħtieġa li ssir grada fl-entratura tal-bandli ta' Triq il-Kunvent.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Robert Buhagiar daħal għal-laqgħa.

Dwar ir-*road hump* ta' Triq iċ-Ċimiterju s-Sur Grech qal li kien tkellem ma' resident rigward din ir-*road hump* biex jinstab post fejn din ma tkunx ta' nkonvenjent għar-residenti. Is-Sur Grech talab li jsiru *slow signs* f'din it-triq.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk kienx hemm risposta mill-GAL dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill biex tiġi rranġata Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal li l-Bord ta' Evalwazzjoni ma kienx għadu ħareġ bid-deċizjoniet tiegħu dwar l-applikazzjonijiet li saru.

Is-Sur Buttigieg tkellem dwar l-arbli tal-injam li hemm fi Triq Ħadd in-Nies.

Dwar il-*parking bays* fi Triq Leli Tabone, Triq G Agius Muscat u toroq taż-żona il-Kunsill qabel unanimament fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici illi ssir pjanta mill-Perit tal-Kunsill bil-proposta tat-tibdil li għandu jsir.

Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sur Kevin Plumpton daħal għal-laqgħa.

Dwar Triq Patri Taddew Schembri, is-Sur Grech qal li resident minn din it-triq qed ikollu problema biex jidħol fil-garaxx tiegħu minħabba t-tibdil fis-sistema tat-traffiku li saret riċentament u minħabba l-fatt li vetturi oħra qed jiġu pparkjati faċċata tar-residenza tiegħu. Is-Sindku ressaq petizzjoni li saret mir-residenti ta' Triq il-Magħsar dwar it-tibdil li sar fi Triq Patri Taddew Schembri. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel b'erba' voti favur u tlett voti kontra li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tiġi diskussa s-sitwazzjoni tat-traffiku fi Triq Patri Taddew Schembri u l-inħawi.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jekk ikun hemm bżonn għandha ssir laqgħa għar-residenti ta' din iż-żona.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju tas-St Patrick's Football Club fejn irringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsillieri u lis-Segretarju Eżekuttiv għall-għajnuna li ngħatat fl-okkażjoni tal-100 anniversarju mit-twaqqif tal-klabb.

Inqraw il-minuti ta' laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 21 ta' Marzu, 2012 bejn is-Sindku, is-Sur Joseph Bonnici u l-Uffiċjali tal-M.E.P.A is-Sinjura Pauline Agius u s-Sur Michael J. Sant dwar l-operat ta' Hompesch Processing Co. Ltd.

Tressaq ukoll ir-rapport li sar dwar il-moniteraġġ ta' ħsejjes mill-kumpanija Hompesch Steel.

Dwar l-operat tal-Hompesch Steel is-Sur Bonnici qal li l-Ħadd l-1 ta' April fit-3.00 ta' wara nofsinhar kien għamel kuntatt mal-Pulizija peress illi kien qed isir xogħol fl-impjant. Is-Sur Bonnici qal li l-Pulizija qalulu li ma kienx hemm pulizija disponibbli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn AC Trading Ltd dwar software bi programmi ta' qari u kitba li qed jinbiegħu għall-prezz ta' €561.75. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jixtri u jinstalla dan is-software fil-kompjuters disponibbli għall-pubbliku fl-uffiċini tal-Kunsill kif ukoll fil-librerija.

Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur Lawrence Darmanin fejn talab lill-Kunsill jieħu passi dwar ilmenti relatati mat-traffic signs fi Triq Villabate u dwar ħmieġ fi Triq it-Tut.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Għaqda Maltija tal-Ortikultura dwar l-attivita` The Great Spring Show li ser issir bejn is-Sibt 5 u l-Ħadd 6 ta' Mejju, 2012. Fuq proposta tas-Sur Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li nipparteċipaw f'din l-attivita`.

Dwar l-ittra mibgħuta mill-Ombudsman rigward ħsarat li allegatament sofra fil-vettura tiegħu s-Sur Ian Stafrace fi Triq Wied il-Għajn, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, qabel unanimament li jgħaddi din il-korrispondenza lill-Avukat tal-Kunsill li diġa kien qed jitratta dan il-każ.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar konsultazzjoni li ser issir dwar abbozz tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Strateġija ta' Biodiversita`.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kulleġġ Santa Margerita dwar preżentazzjoni ta' kotba mill-Kunsill Lokali lil persuni mil-lokalita f'Jum il-Premjazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jippreżenta żewġ kotba 'Zabbar – A Living History'.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel ukoll li jilqa t-talba tal-Amministrazzjoni tal-Iskola Dr Francis Chetcuti f'Ħaż-Żabbar u jingħataw sitt kotba 'Zabbar – A Living History' lil studenti Żabbarin f'Jum il-Premjazzjoni.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ewropa dwar World Neighbours Day 2012.

Dwar l-ittra mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar sistema tal-asfaltar tal-kanali meta jsir xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-lokalita. Fuq proposta tas-Sur Kevin Plumton li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel li r-reinstatements tat-trinek tal-ilma jibda jsir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u dan minħabba d-dewmien li qed ikun hemm biex isir il-ħlas dovut lill-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Global Security Ltd dwar servizzi relatati ma' sistema ta' sigurta.

Dwar it-talba għall-kumpens li saret mis-Sur Vella li allegatament sofra ħsara fil-vettura meta kien għaddej minn Triq ix-Xgħajra, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, qabel unanimament li m'għandux jerfa' responsabilita` tal-inċident li allegatament seħħ f'din it-triq.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Konslu Ġenerali għal Malta fil-Kanada li talbet materjal informattiv dwar Ħaż-Żabbar biex jixxandar fuq il-programm Leħen Malti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi din il-korrispondeza lil Viċi Sindku s-Sur John J Pace biex ikun jista' jingħata l-aħjar materjal possibli.

Inqrat ittra mibgħuta mill-Grupp Armar tal-Festa dwar il-ħtieġa li jingħalqu t-toqob tal-arbli tal-festa li hemm fi Triq is-Santwarju. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace il-Kunsill qabel unanimament li jingħalqu dawn it-toqob u jsiru qsari minflok il-kurduna tal-bankina li hija nieqsa.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament is-Schedule of Payments għall-perjodu t-8 ta' Marzu 2012 sal-4 ta' April 2012 li kien jammonta għal €54,132.61.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-Petty Cash Expenditure għax-xahar ta' Marzu 2012 li kien jammonta għal €162.53.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg il-Kunsill approva unanimament il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2012 – 2014.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kuntrattur għall-ġbir ta' skart goff offra li jibda jagħti s-servizz ta' ġbir kuljum. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li l-ġbir jibda jsir kuljum peress illi dan mhux ser jaffetwa l-prezzijiet tas-servizz u għandu jtejjeb is-servizz provdut.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-offerti li saru għas-servizz ta' Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku. Kien hemm żewġ offerenti għal dan is-servizz dik mingħand B. Grima & Sons Ltd u l-offerta l-oħra mingħand il-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku. Iż-żewġ offerenti kellhom id-dokumennt kollha mimlija u ffirmati.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel unanimament li tintgħażel l-irħas offerta dik mingħand il-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku.

Inqraw il-minuti tal-24 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sindku qal li l-Kunsill rċieva ħafna lmenti minn sewwieqa u residenti dwar il-kundizzjoni ta' parti minn Triq il-Kunvent bejn Triq Felice u Triq il-Qalb Imqaddsa. Is-Sindku qal li kienet saret spezzjoni u rriżulta li teknikament ma jkunx għaqli li l-ħofor li hemm f'din il-parti tat-triq jiġu ppaċjati peress illi t-triq niżlet u tista' tiġi rranġata biss billi jinqala' il-wiċċ tat-triq u tingħata t-tarmak. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinbidlu l-bankini u jsir *resurfacing* ta' din il-parti tat-triq.

Is-Sur Grech tkellem dwar il-problema tal-ilma tax-xita li jżomm fi Triq il-Kunvent u li joħloq inkonvenjent għal xi residenti. Is-Sur Grech qal li kellhom jiġu spustjati u bars bil-pjanċi minħabba ilma li jtir mal-faċċati meta tkun ix-xita meta jgħaddu l-vetturi.

Dwar il-laqgħa li kellha ssir mas-Sur Christian Schembri rappreżentant tat-Tourist Guide Malta, is-Sur Grech talab li jekk il-Kunsillier Robert Buhagiar ma ltaqax mas-Sur Schembri, il-Kunsill għandu jikteb u jagħmel kuntatt miegħu biex jisma' dak li jixtieq iressaq.

Is-Sur Mark Grech staqsa jekk hux qed isiru *staff meetings* bejn is-Segretarju u l-membri tal-istaff. Is-Segretarju wieġeb li *staff meetings* kienu saru anke fil-preżenza tas-Sindku. Minbarra hekk saru wkoll laqgħat individwali mal-impjegati.

Is-Sur Grech qal li kien attenda għal attivita` kulturali li saret f'Ħaż-Żabbar u l-organizzaturi fosthom is-Sur William Cassar u parteċipanti oħra wrew ix-xewqa li l-Kunsill jgħin f'dawn it-tip ta' attivitajiet.

Is-Sur Grech tkellem dwar il-balla tal-Franċiżi li hemm fi Triq Bajada u talab li din il-balla ssirilha xi forma ta' protezzjoni.

Is-Sur Mark Grech talab li tiġi rranġata t-tabella li turi l-isem ta' Triq il-Marloċċ u dan isir bil-kontra ta' kif inhu bħalissa u jiġi mal-ħajt tal-Mużew tal-Bniet.

Is-Sur Grech qal li kien irċieva lmenti dwar scammel tal-kumpanija GreenPak u li minnu qattar xi likwidu meta dan kien qed ibattal ir-reċipjenti tal-*bring-in-sites*.

Is-Sur Grech irrefera għax-xogħol ta' *patching* li sar fi Triq Santa Duminka u qal li jeħtieġ tiġi rranġata wkoll parti mit-triq fejn qed iżomm l-ilma quddiem residenza partikulari.

Dwar il-ħarġa tal-pubblikazzjoni Citta' Hompesch, is-Sindku qal li kien ser ikellem lill-Kunsillier Keith Pisani bħala l-Editur ta' din il-pubblikazzjoni biex jara jekk jistax jagħti

l-kontribut tiegħu sabiex l-edizzjoni li jmiss tinħareġ qabel l-attivita' Lejla fil-Belt Hompesch li ser issir fit-12 ta' Mejju, 2012.
Is-Sinjura Calleja nfurmat lill-Kunsill dwar ir-relazzjoni u l-laqgħa li kien hemm bejn il-Kunsill Lokali u ċ-China Cultural Centre. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll li d-delegazzjoni Ċiniża ser tagħmel żjara f'Ħaż-Żabbar fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Bonnici reġa fakkar dwar il-ħtieġa li jsiru l-*parking bays* fi Triq l-Inkurunazzjoni u jiġu rranġati wħud li hemm fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni.

Is-Sur Grech qal li jixtieq aktar li *t-terms of reference* tas-Sotto Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku u Trasport Pubbliku.

Is-Sur Bonnici qal li l-Kunsill kien irċieva l-ewwel applikazzjonijiet wara li nħareġ avviz fil-gazzetta għall-parteċipażżjoni fil-Kamp Internazzjonali taż-Żgħażagħ.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li l-Kunsill jibqa jagħmel pressjoni biex issir ir-*roundabout*, kif ukoll isiru s-sinjali u marki tat-traffiku fil-fetħa ta' Triq Bormla ma' Triq tal-Labour. Is-Sur Pace nsista li l-Kunsill ingħata l-wegħda minn Trasport Malta li din ir-*roundabout* ser issir fi zmien qasir.

Is-Sur Bonnici semma wkoll il-bżonn li jiġu *refreshed* il-marki tat-toroq li hemm fi triq il-Kunsill tal-Ewropa ma' Vjal Kottoner.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jsiru l-ismijiet tat-toroq li kellhom isiru fil-Qasam tad-Djar u f'toroq oħra.

Is-Sur Bonnici semma wkoll il-ħtieġa li jinstab rimedju għal problema ta' *derelict vehicles* fil-lokalita'.

Is-Sur Grech qal li vettura partikulari ilha mitluqa fi Triq l-Għakrux għal zmien twil.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-ħtieġa li l-Kunsill jipprova jakkwista fondi mill-Unjoni Ewropeja peress illi sa ma fiti li xejn kien hemm suċċess f'dan ir-rigward.

Is-Sur Pace semma l-ħtieġa li jsiru l-*parking bays* fi Triq G Agius Muscat.

Is-Sur Pace qal li peress illi l-għotja ta' €5,000 mill-Gvern għall-attivita' Lejla fil-Belt Hompesch mhux ser tkun bizzejjed biex is-serata tittella kif mixtieq, qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex l-ammont ta' €5,000 li l-Kunsill kien ser jivvota għal din l-attivita' tizdied għal €8,000. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li l-vot tal-Kunsill għal din l-attivita' jizdied għal €8,000 biex b'hekk l-ammont disponibbli biex issir Lejla fil-Belt Hompesch ikun ta' €13,000.

Is-Sur Pace semma l-ħtieġa li ssir mera fi Triq L-Ġħarix ma' Triq Villabate.

Huwa semma wkoll il-ħtieġa ili jitwaħħal *dustbin* u jsir izjed infurzar speċjalment minħabba ħmieġ ta' klieb li qed jiħalla fi Triq Sant'Antnin, Triq San Ġuzepp u l-inħawi. Is-Sur Pace talab ukoll li jkun hemm aktar prezenza ta' gwardjani lokali fi Triq Santa Duminka u Triq il-Kapuccini minħabba sewqan eċċessiv.

Is-Sindku talab li jitwaħħlu tabelli biex ma jintefax skart fiż-żona ta' Tal-Plier u fi Triq iċ-Ċimiterju.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-398 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 25 ta' April 2012.

Domenic Agius
Sindku